MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru. 1418/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**vs**

**Eman Ebejer**

**Eman Ebejer, bin Joseph u Mary, imwielda Zammit, imwieled tal-Pieta fil-25/08/1985, u joqghod, “Millenia”, Nru 17, Triq San Pietru, Kirkop, I.D. 439685 (M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonjiet kif dedotti kontra Eman Ebejer u cioe` talli fit-8 ta’ Ottubru, 2007 u matul it-tnax il-xahar precedent, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, waqt li kien fil-lukanda maghrufa bhala Topaz li qeghda f’Bugibba, fil-lukanda maghrufa bhala Dolmen li qeghda f’Bugibba, fil-lukanda maghrufa bhala Hilton li qeghda f’San Giljan kif

ukoll fil-lukanda maghrufa bhala Meridien li qeghda f'San Giljan, ikkommetta serq ta' flus, mobajls, pakketti tas-sigaretti kif ukoll oggetti ohra, minn go 27 locker li gew sgassati minnu stess, kif ukoll flus minn fuq counter tal-bar, liema serq ta' flus u oggetti jaccedi l-Lm100 izda 'nqas minn Lm1,000, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna, u dan ghad-dannu ta' diversi persuni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat li giet irrijaffermata anke wara li inghata zmien jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tad-dokumenti esebiti u fuq kollox fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputat llum seduta stante, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ghandu fedina penali netta u ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

Ghaldaqstant , il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 263, 268, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jaghmel reat iehor matur dana l-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------